MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 540/2009

Antonio Gauci (Id. 286178M).

Vs

Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li t-Tribunal jiddikjara l-Awtorita' konvenuta responsabbli u jordna l-hlas tas-somma ta' sitt mija, disa u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€659.35), dovut lill-attur ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnu li rrizultaw minn incident awtomobilistiku li sar fis-7 ta' April 2009 waqt illi kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-marka BMW, numru ta' registrazzjoni GGG 100, u saq f'gandot u planki tal-hadid fit-triq Valley Road, Birkirkara liema triq tinsab taht ir-responsabbilta' tal-Awtorita konvenuta. Bl-ispejjes kollha gudizzjarji inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2009.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-Awtorita' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-Awtorita' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-Awtorita' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija, disa u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€659.35). L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-Awtorita' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------